KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 16 Tlieta 14 ta' April 2020

Il-Kunsilli Lokali Mosta jlaqqa laqgħa tal-Kunsill li ser tinżamm online permezz ta' Microsoft Teams fis-6:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Romilda Baldacchino Zarb – Sindku
Christopher Grech – Viċi-Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Shirley Abela – Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Joseph Edward Howard – Kunsillier
Mikhail Micallef -Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Romilda Baldacchino Zarb ippresediet l-laqgħa.

16.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji
Ma kienx hemm Kunsilliera assenti.

16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 14
REF: 11.4.15 PAMA
Is-Sindku nfurmat li ntbagħtet email lil Perit Buhagiar fis-17 ta' Marzu. Is-Sindku ċemplet lil Perit biex jagħtina risposta. Il-Perit Buhagiar nforma li m'għandux bżonn ir-riżultati imma r-rapport, għalhekk talab ir-rapport lil tat-Terracore però għad ma kellux risposta. Is-Sindku ċemplet lil-*handyman* tal-Kunsill biex jiġbor ir-rapport.

**REF: 12.3.10 Kommunikazzjoni - I Care System**

Is-Sindku nfurmat li għamlet kuntatt mal-Kunsill tal-Isla, fejn mhijiex l-app li nixtiequ aħna, għax m'għandhiex il-funzjoni li tiġġenera tipo *crm ticket* li jkun jista' jibqa' jiġi *followed* sakemm jkun solvut u jingħalaq, u dejjem hemm referenza għal-ilmenti li jidħlu.
Is-Sindku nfurmat li s'issa l-aħjar app li ġiet proposta bi prezz raġonevoli hija tat-TCTC.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għada għanda laqgħa ma Sa. Duca li hija *developer* wkoll fuq app oħra differenti relatata ma pagamenti ta' permessi. TCTC wkoll għandu din it-tip ta' sistema wkoll, fejn ħa naraw liema *software* huwa l-aħjar. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li tkellmet mal-President Fava tal-AKL, għax huma wkoll kienu qed jaħdmu fuq sistema simili għal-Kunsilli, però nformaha li minħabba ċ-ċirkustanzi għalissa waqaf kollox.

Il-Kunsillier Cassar issuġġerixxa li jkollna app waħda għal kollox, u ssuġġerixxa biex noħorġu '*call for proposal',* għax illum hemm ħafna *open source* li kumpaniji hemm barra jistaw joħolqu app għalihom. Il-Kunsilliera Bonnici qablet fejn f'app waħda jkun hemm lista ta' affarijiet.

Il-membri preżenti qablu li jsir avviż *online* fit-Times of Malta għal-sejħa ta' proposti u l-istess riklam jitella Facebook wkoll.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tiċċirkula lista ta' servizzi mal-Kunsilliera u Staff għal-*feedback* tagħhom, qabel ma jinħareġ l-avviż.

**REF: 14.3.2 Two CCTV cameras sponsored by Regjun Tramuntana**

Is-Sindku nfurmat li nfurmat lir-reġjun fl-aħħar laqgħa u kkonfermat iż-żoni fejn ġew proposti li jsiru is-CCTV's. Is-Segretarju Eżekuttiv Abdilla tar-reġjun informa s-Sindku li l-LESA mhux ser joqgħodu għassa, għax dawn iridu jkunu f'post fejn in-numri ta' reġistrazzjoni ta' vetturi jrid jidher. F'żona ta' skart mhux dejjem jinqabdu meta persuni jkunu bil-mixi, u dawn il-*cameras* li ħa jipprovdu r-reġjun mhumiex qegħdin għalhekk, imma biex jitwaħħlu f'żoni fejn vetturi jidħlu *one-way* jew jagħmlu *u-turn* eċċ.

Il-membri preżenti qablu li l-*cameras* jsiru; waħda mal faċċata tal-ħruġ tal-parkeġġ pubbliku ta' Transport Malta (CCTV titwaħħal mal-arblu ta' TM quddiem Cauchi Stationary), u l-oħra mal-faċċata tal-*loading/unloading bay* ta' quddiem il-knisja.

Il-Viċi Sindku żied jgħid jekk nistawx nżidu CCTV *camera* oħra li timmonitorja l-istage ta' quddiem is-soċjetà Filarmonika Nicolo Isouard, fejn qed isir *overtaking* min fuq iż-*zebra crossing.*

Is-Sindku nfurmat lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinforma ir-Reġjun biż-żewġ żoni, u nistaqsu jekk nistawx inżidu oħra għas-spejjez tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tinforma lir-reġjun.

Il-Kunsillier Howard nforma li fejn hemm id-*double yellow line* quddiem il-Knisja, li teknikament ħadd mhu suppost jieqaf l-anqas karozza ta' funeral, għalhekk hemm jrid jsir *single yellow line* għal *loading/unloading* li tkun bil-ħinijiet. Wara l-ħinijiet jkun parkeġġ għal-pubbliku.

Il-Kunsillier Cassar staqsa, jekk nistawx nistaqsu lil Transport Malta biex naqsmu ir-riżorsi ta' l-użu tas-CCTV *camera* tagħhom, u t-tielet *camera* ssir post ieħor, jekk dejjem Transport Malta taqbel. Rigward il-*coaches* tat-turisti li jieqfu biex iniżżlu n-nies quddiem is-soċjeta

Filarmonika Nicolo Isouard, Il-Kunsillier Cassar nforma li kien kiteb lil-operaturi u Transport Malta, fejn anke il-materja telgħet kumitat ta' Transport Malta, bl-għajnuna tas-Sur Zammit (LESA), sabiex jinstab post alternattiv biex dawn il-*coaches* tat-turisti jniżżlu t-turisti. Però l-uffiċjal tat-Trasport Pubbliku, kien qal li peress li r-rotta tagħhom tmur lejn in-Naxxar jew il-Belt, mhux possibbli jieqfu quddiem il-Mellows. Il-Kunsillier Cassar żied jgħid li kien ipprovda wkoll ritratti b'żewġ *double deckers* fejn xulxin li ma jgħaddux. L-Kunsill kien issuġġerixxa li titwessa l-bankina għax l-iktar li jkun hemm problema huma l-*hop-on hop-off double deckers* għax ikbar min normal, u ta' spiss tintlaqat gallerija fejn darba din kienet waqet, imma Transport Malta m'aċċettawx li titwessa l-bankina b'30cm għax qalu li imbagħad ma jgħaddux, li huwa minnu. Din hija problema li ila ġejja.

Fuq il-parkeġġ ta' quddiem il-knisja, il-Kunsillier Cassar żied jgħid li hemm tlett sinjali; *double yellow line, dotted line* li jifforma l-kaxxa s-safra u *road marking* li tgħid *for funeral and Church Services.* Fiż-żmien l-eks Sindku Shirley Farrugia l-Kunsill kien jimpjega *warden* bi 80 Euro kuljum, biex il-*coaches* jħottu u jitilqu, però inħolqu problemi f'żoni oħra għax ma ridux joqgħodu jduru d-dawra. Il-Kunsill kien qabel li idealment dawn il-*coaches* jmorru fejn l-MCAST wara li jkunu niżżlu t-turisti, pero l-operaturi turistiċi kienu kollha rrifjutaw.

REF: 14.3.1 Ġnien Reġġie Cilia

Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa mal-Ministeru ta' l-Enerġija u Maniġġjar tal-Ilma, fejn issuġġerew li l-ECO garden jsir fi ġnien Reggie Cilia, fejn is-Sindku nfurmathom li hemm proġett ippjanat abbinat mal-pjazza, u għalhekk ġie ssuġġeriet ġnien li qiegħed fi triq Carmelo Dimech k/m triq il-Fortizza. Is-Segretarju Eżekuttiv tellgħet is-*site plan* taż-żona għal membri preżenti.

Is-Sindku nfurmat li dan il-proġett ħa jkollu *equipment* innovattiv, bħal *smart benches,* bandli li jaħdmu bis-*solar energy,* u affarijiet oħra li jaħdmu b'enerġija solari. Saret talba lil-Lands fejn nfurmawna li din hija tal-Gvern u hija *unlet property*, għalhekk nistaw napplikaw għad-devoluzzjoni jekk dejjem il-Kunsill jaqbel.

Is-Sindku nfurmat li dan il-proġett ħa jkun jiswa madwar 300,000 Ewro u jrid jitlesta sa Diċembru. Bħala spejjez tal-Kunsill ħa jkunu pjanta u *survey* tal-post 1,200 Ewro, u erborista biex is-siġar li hemm uħud jiġu miżburin biex jittieħed il-massimu mil-enerġija tax-xemx, oħrajn ħa jiġu relokati, u siġar ġodda miżrugħin.

Il-membri preżenti unanimament approvaw dan il-proġett.

REF: 14.5.2 Junction Upgrading Independence Avenue ħdejn il-Kappella ta' San Silvestru

Il-Viċi Sindku nforma li wara li jiġu approvati l-minuti tal-lum, jibgħat jinforma lil Infrastructure Malta bid-deċiżjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Cassar saqsa lil Viċi dwar il-PC *application*. Il-Viċi Sindku nforma li l-Planning Authority *application*, ħareġ bl-*alignment* skond il-PC. Il-Kunsillier Cassar staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv biex nitolbu l-Perit tal-Kunsill jibgħat il-pjanta PA00465/20. Il-Viċi Sindku nforma li ser jibgħata lil Kunsilliera hu.

REF:14.5.1 Junction Upgrading minn IM ħdejn roundabout ta' ħdejn Premier Car Sales

Il-Viċi Sindku nforma li wara li jiġu approvati l-minuti tal-lum, jibgħat jinforma lil Infrastructure Malta bid-deċiżjoni tal-Kunsill.

**REF: 12.5.3 Approvazzjoni ta' Pjan ta' Ħidma 2020-2024**

Il-Kunsillier Cassar fakkar lis-Sindku li jista' jiltaqa' mas-Sindku fuq il-pjan ta' ħidma u s-Sindku nfurmat li jista' jipproponi data biex jiffinalizzaw.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li dan jrid jitella fil-laqgħa li jmiss peress le ġejna eżentati milli nagħmlu l-laqgħa pubblika minħabba ċ-ċirkustanzi COVID-19, però xorta rridu ntellaw *online* qabel l-14 ta' Mejju ir-rapporti amministrattivi, finanzjarju u l-pjan ta' ħidma.

**REF: 11.3.7 Kommunikazzjoni – Diskussjoni re: Contracts Manager**

Il-Kunsillier Cassar talab *update* fuq it-tender tal-Contracts Manager. Is-Sindku nfurmat li r-reġjun ħa jipprova jiftħu, imma wara l-aħħar diskussjonijiet xorta t-tender document tal-Contracts Manager tgħana għandu jiġi ċċirkulat mal-Kunsilliera, għax min-laqgħa għal-oħra tar-reġjun qed idumu.

**REF: Rubble Walls**

Il-Kunsillier Cassar staqsa f'hiex wasal ix-xogħol tar-*rubble Walls.* Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li sar is-*sample* tal-ħajt li ġie approvat mil Perit tal Kunsill. Minħabba ċ-ċirkustanzi tal-COVID-19, id-DLG staqsew lil-Kunsilli lista ta' xogħolijiet li ħarġu b'tender u huma waqfien minħabba dawn iċ-ċirkustanzi. Fil-każ tar-*rubble Walls* dawn huma weqfin peress li l-kuntrattur maqbud l-Italia. Id-DLG talbitna biex nitolbu estensjoni sa l-aħħar tas-sena, jekk is-sitwazzjoni tibqa kif inhi sa dak iż-żmien, terġa ssir talba lid-DLG.

**REF: 14.4.3 Villa fiż-Żokkrija**

Il-Kunsillier Cassar nforma li kien għadda il-petizzjoni tar-residenti lil-Kunsill, u li d-data ta' rappreżentazzjoni għaddiet għax kienet fis-27 ta' Marzu.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 14 . Minuti Nru 15 ma kienx hemm, peress li laqgħa li kellha ssir fis-7 ta' April 2020 ma saritx u ġiet posposta għal-14 ta' April 2020.

**16.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**

**16.3.1 Zebra Crossing**

Is-Sindku nfurmat li waslitilha talba biex z-*zebra crossing* li hemm fi triq l-Isperanza ftit l-isfel mil-Old Motors Club, tersaq iktar lejn l-iskola Maria Regina għax ma tantx tintuża. Il-Kunsilliera Gatt u Micallef ikkonfermaw li ma tintużax, u s-Sindku nfurmat li l-*handyman* tal-Kunsill kien ikkonferma wkoll.

Is-Sindku talbet għal-approvazzjoni lil membri preżenti biex titneħħa u jiżdied il-parkeġġ.

Il-Kunsillier Cassar nforma li ma jaqbilx, għax il-Kunsill Lokali tal-Mosta kien irċieva talba fi-żmienu mil-mibki George Gatt biex bejn il-Fitwell u l-kappella jsiru *traffic calming measures.* Il-Kunsill kien bagħat lil Transport Malta fejn kienet ħejjiet pjanta, għaddiet għand il-kuntrattur, u sar ix-xogħol skond il-pjanta.

Il-membri preżenti qablu li din it-talba ġejja min persuna waħda u għalissa ż-*zebra crossing* għanda tibqa fejn hi. Idealment jsir *site visit* u jekk hemm bżonn terġa tiġi diskussa fil-futur, għax jekk tersaq ħa jiġu affettwati wkoll sidien ta' garaxxijiet oħra.

### 16.3.2 Triq Ruzar Briffa

Is-Sindku nfurmat li f'din iż-żona għalkemm diffiċli biex jidħol l-iskammel, xorta qed jgħaddi u jidħol b'lura, u jmorru jiċċekkjaw bil-mixi. Hawnhekk il-problema ta' abbuż ta' rimi ta' skart ila ħafna anke min żmien Sindki ta' qabel.
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li anke ittri lir-residenti ntbagħtu, saru varji żjarat tas-sit u anke Il-Kunsill ħallas għal bosta vjaġġi bi trakk biex jinġabar l-iskart mormi illegali, imma jidher li kollu għalxejn.

Minħabba li din iż-żona hemm varji siti ta' kostruzzjoni, forsi jekk it-triq għalissa nagħmluha bi *scarrifying material*, forsi l-pubbliku jibda jidra jarmi l-iskart quddiem ir-residenzi tagħhom u mhux gozz ġo kantuniera.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tqabbad l-kuntrattur tal-Kunsill, jitfa u jwitti t-triq bi *scarrifying material* fi triq Ruzar Briffa.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil membri preżenti li daqt jiskadi t-tlett sigħat ħin tal-laqgħa. Il-membri preżenti unanimament qablu li l-ħin tal-laqgħa jiżdied b'nofs siegħa.

### 16.3.3 Kors għal-Anzjani

Is-Sindku ċċirkulat email bi proposta ta' kors għal-anzjani biex jitgħallmu jużaw iktar il-mezzi ta' kommunikazzjoni diġitali. Dan jiswa 750 Ewro, hu huwa *online visual course,* għal 50 parteċipant.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-kwotazzjoni.

### 16.3.4 Outdoor Gym Zokrija

Is-Sindku nfurmat li x-xogħol waqaf sakemm il-Perit tal-Kunsill japplika għax skada ż-żmien tad-DNO, li għanda ssir din il-ġimgħa. Kif wkoll minħabba li ġie skopert li hemm ġibjun u konna qed nistennew l-pjanti mil-Prinċipal tal-Kulleġġ Maria Regina. Minħabba l-ġibjun ġie repozizjonat l-*equipment.*

### 16.3.5 OZO Group

Is-Sindku nfurmat li tkellmet ma l-OZO grupp fejn offrew b'xejn ammont ta' persuni biex jgħinu lil Kunsill f'xogħolijiet fuq barra. Mil-lum b'dejna b'50 ruħ u ħa jitilaw għal 100 ruħ. Dawn ġew allokati żona żona, biex ma jinqabeż mkien, u qed inaddfu, jiżbgħu, jaqalaw ħaxix ħażin eċċ.

Is-Sindku talbet lil membri preżenti biex jekk jaraw xi żona partikolari li forsi mitluqa, jibgħatu lis-Sindku biex tikkordina mal-*handyman* tal-Kunsill.

### 16.3.6 Approvazzjonijiet li saru b'email

Is-Segretarju Eżekuttiv tellgħet lista ta' approvazzjonijiet li saru b'email, biex jiġu *minuted.*

- Approvazzjoni ta' għeluq temporanjament ta' l-uffiċju tal-Kunsill is-Sibtijiet, minħabba COVID-19.
- Approvazzjoni biex ħlasijiet jsiru b'internet banking minħabba COVID-19.
- Approvazzjoni għat-talba biex il-Wasteserv Kerbside trakk jieqaf temporanjament minħabba COVID-19.

- Approvazzjoni ta' applikazzjoni temporanja ta' teleworking min impjegata tal-Kunsill is-Sa Zammit Tabone, sakemm tgħaddi il-COVID-19.
- Approvazzjoni ta' Bye-laws tal-ħamiem u *fees* fejn jidħlu kirjiet ta' attivitajiet ġo ġonna.

16.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Peress li skada l-ħin u ma kienx hemm ċans għalihom, u ħa jittellaw fil-laqgħa li jmiss.

16.5 Rapporti

Ma kienx hemm.

16.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

16.6.1 Skeda ta Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 102.
Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 11 ta' Marzu sal-14 ta' April 2020.

16.6.2 Purchase Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-purchase orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

16.6.3 Works Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

16.6.4 Petty Cash

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-petty cash.
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-petty cash li tkopri xahar ta' Marzu 2020. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

15.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fis- 6:00 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-12 ta' Mejju 2020.

Konfermati llum 14 ta' April 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda Baldacchino Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |